MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 538/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Ottubru, 2006 u l-att taz-zwieg igib in-numru elfejn zbarra elfejn u sitta (2000/2006) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni datat dsatax (19) ta' Gunju 2009 fl-atti tan-nutar Dottor Gertrude Farrugia Wismayer u li gie insinwat fir-Registru Pubbliku 10382/2009 (Dok A anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/ familji godda;

Illi r-rikorrenti rrinunzjat mid-dritt taghha li titlob u tircievi l-manteniment minghand il-konvenut, u l-konvenut rrinunzja mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi l-manteniment minghand ir-rikorrenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha eccepixxa :

Illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda tort imputabbli lilu stante li z-zwieg tkisser minhabba li r-rikorrenti kellha relazzjoni extra-konjugali tant li ghandha tifel mill-imsemmija relazzjoni;

Illi madanakollu l-konvenut m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti purche l-kuntratt ta' separazzjoni datat 19 ta' Gunju 2009 fl-atti tan-nutar Gertrude Farrugia Wismayer jibqa' jirregola l-posizzjoni tal-kontendenti;

Salv risposti ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-19 ta' Gunju 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------